



Brussell, 14 ta' Marzu 2023
(OR. en)

7388/23

JAI 310
FREMP 74

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE; Ir-rwol tal-ispazju ċiviku fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE – Konklużjonijiet tal-Kunsill (10 ta' Marzu 2023)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE li jiffukaw fuq ir-rwol tal-ispazju ċiviku fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE, adottati mill-Kunsill fit-3936 laqgħa tiegħu li saret fl-10 ta' Marzu 2023.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali
tal-UE;**

**Ir-rwol tal-ispazju ċiviku fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-
UE**

Preambolu

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

- a. **Filwaqt li jfakkar** fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "TUE"), li jiddikjara li l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri, li huma komuni għall-Istati Membri, tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi;
- b. **Filwaqt li jenfasizza** li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Karta"), ipproklamata solennement fis-7 ta' Diċembru 2000, tirrappreżenta stadju importanti tal-integrazzjoni Ewropea u hija simbolu tal-identità Ewropea komuni tagħna;
- c. **Filwaqt li jfakkar** li l-Istati Membri ntrabtu li jggarantixxu d-drittijiet u l-libertajiet minquxa fil-Karta għall-persuni kollha fil-ġurisdizzjoni tagħhom u li jiżguraw li d-drittijiet fundamentali jkunu universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelati;

- d. **Filwaqt li jenfasizza** li l-Karta hija wieħed mill-istrumenti legalment vinkolanti l-aktar moderni u komprensivi tad-drittijiet fundamentali u li hija tobblija lill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-Unjoni, kif ukoll lill-Istati Membri meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, biex jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom f'konformità mas-setgħat rispettivi tagħhom u jirrispettaw il-limiti tas-setgħat tal-Unjoni kif konferiti lilha fit-Trattati, skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 51 tal-Karta;
- e. **Filwaqt li jenfasizza** l-importanza li tiġi ffinalizzata l-adeżjoni tal-Unjoni mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, f'konformità mal-Artikolu 6, paragrafu 2, TUE¹, biex jissaħħu l-koerenza u l-konsistenza fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u tissaħħaħ aktar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Ewropa;
- f. **Filwaqt li jfakkar** fl-impenn tal-Unjoni li tappoġġa d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja, inkluż permezz tal-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Mekkaniżmu tal-Unjoni Ewropea għad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem.
- g. **Filwaqt li jiddeplora** l-ksur gravi u mifrux tad-drittijiet tal-bniedem ikkawżat mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, kif ukoll l-isfidi għad-drittijiet tal-bniedem maħluqa mill-pandemija tal-COVID-19, il-kriżi tal-klima, kif ukoll il-konsegwenzi tal-kriżi tal-ġholi tal-ħajja. Dawn il-kriżijiet juru li l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-valuri tal-Unjoni ma jistgħux jitqiesu bħala ovvj u li jistgħu jkunu garantiti biss f'soċjetà demokratika bbażata fuq l-istat tad-dritt. Hija ħidma kontinwa u responsabbiltà kondiviża li teħtieġ sforz kollettiv mill-atturi kollha kkonċernati.

¹ L-Unjoni għandha taderixxi għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali. Din l-adeżjoni m'għandhiex taffettwa l-kompetenzi tal-Unjoni kif definiti mit-Trattati.

- h. **Filwaqt li jilqa'** l-"Istrateġija biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-Unjoni Ewropea" u l-impenn imġedded ta' din biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri japplikaw il-Karta fil-potenzjal sħiħ tagħha.
- i. **Filwaqt li jilqa'** r-"Rapport Annwali tal-2022 dwar l-Applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE: Spazju ċiviku b'saħħtu għaż-żamma tad-drittijiet fundamentali fl-UE" tal-Kummissjoni (minn hawn 'il quddiem ir-"Rapport dwar il-Karta 2022").
- j. **Filwaqt li jilqa'** l-ħidma tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (minn hawn 'il quddiem l-"Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali"), inkluż ir-rapporti reċenti tagħha dwar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fi żminijiet diffiċli, b'mod partikolari r-rapport tal-2022 "Is-soċjetà ċivili tal-Ewropa – għadha taħt pressjoni" u l-bullettini dwar il-gwerra fl-Ukrajna "L-impatt tal-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna fuq id-drittijiet fundamentali".
- k. **Filwaqt li jistenna bil-ħerqa** l-konferenza "Protezzjoni tad-Drittijiet Fundamentali fi żminijiet ta' Kriżi" li għandha tiġi organizzata mill-Presidenza Żvediża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-20 u l-21 ta' April 2023. Il-konferenza ser tipprovdi forum biex jiġi diskuss kif l-istrutturi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea jistgħu jsiru aktar robusti u reżiljenti fi żminijiet ta' kriżi, inkluż x'taġħlimiet jistgħu jinkisbu mill-kriżijiet, tal-imġhoddi u tal-preżent, u kif l-aħjar nimxu 'l quddiem.

Ir-rwol tal-ispace ċiviku fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea **jġedded** l-impenn tiegħu għall-applikazzjoni kontinwa tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u **japprova** l-konklużjonijiet li ġejjin.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

1. **Ifakkar** li l-Karta tirrikonoxxi d-drittijiet għal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni (Artikolu 12), u l-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni (Artikolu 11).
2. **Jenfasizza** li d-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni jikkostitwixxi wieħed mill-pedamenti essenzjali ta' soċjetà demokratika u pluralista, peress li jippermetti li ċ-ċittadini jaġixxu kollettivament f'oqsma ta' interess komuni u, b'hekk, jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tal-ħajja pubblika.²
3. **Jirrikonoxxi** li l-atturi tas-soċjetà ċivili fil-livelli kollha jeħtieġu riżorsi umani, materjali u finanzjarji xierqa u suffiċjenti biex iwettqu l-missjonijiet tagħhom b'mod effettiv u li l-libertà tat-tfittxija, il-kisba u l-użu ta' riżorsi bħal dawn hija parti integrali mid-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni.³ Dak l-aċċess irid ikun konformi mal-prinċipju tal-legalità u jirrispetta l-valuri komuni tal-Unjoni.
4. **Jenfasizza** li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (minn hawn 'il quddiem "OSC") u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem⁴ huma essenzjali fis-soċjetajiet demokratiċi kostituzzjonali tagħna biex jikkontribwixxu għall-promozzjoni u l-protezzjoni tal-valuri u d-drittijiet minnha fl-Artikolu 2 TUE u fil-Karta u jgħinu biex jiġi żgurat li l-Karta tiġi applikata kif xieraq, u b'hekk jiżdied l-impatt tad-drittijiet fundamentali fuq il-ħajjiet tan-nies. Huma element indispensabbli fis-sistema ta' kontrolli u bilanċi f'demokrazija b'saħħitha; restrizzjonijiet mhux ġustifikati għall-ispazju tal-operat tagħhom jistgħu jkunu ta' theddida għall-istat tad-dritt.

² Skont il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

³ Ara l-Linji gwida dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni (2015), il-prinċipju 7, tal-OSCE-ODIHR.

⁴ Għall-fini ta' dawn il-konklużjonijiet, "difensuri tad-drittijiet tal-bniedem" huma mifhuma li jkopru, minbarra OSC, NHRIs, korpi tal-ugwaljanza u istituzzjonijiet tal-ombuds.

5. **Jissottolinja** li l-Artikolu 11 TUE jesiġi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jagħtu liċ-ċittadini u lill-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi l-opportunità li jxandru u li jiskambjaw fehmiet pubblikament fl-oqsma kollha ta' azzjoni tal-Unjoni; u li l-istituzzjonijiet għandhom ikollhom djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u l-OSĊ u jwettqu konsultazzjonijiet mifruxa dwar inizjattivi ġodda.
6. **Jirrikonoxxi** l-valur tal-kondiviżjoni tal-għarfien u l-iskambji ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri fl-isforzi għall-protezzjoni, l-appoġġ u t-tisħiħ tal-OSĊ u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u t-tagħlimiet li għandhom jinsiltu mis-sorsi differenti ta' għarfien miġbura, pereżempju, mill-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali.
7. **Jinnota** bi tħassib li r-rapporti dwar l-ispazju ċiviku magħmula mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali juru evidenza li l-OSĊ jiffaċċjaw sfidi u huma għalhekk imxekkla milli jwettqu r-rwoli importanti tagħhom fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt madwar l-Unjoni.
8. **Jenfasizza** l-importanza li jittejbu l-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni biex jiġi żgurat li l-OSĊ u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ikunu involuti b'mod xieraq fil-proċessi għat-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u l-politika.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jistieden lill-Istati Membri biex:

9. **Jissalvagwardjaw u jippromwovu** ambjent abilitanti għall-OSĊ u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom skont il-valuri tal-Unjoni mingħajr indħil mhux ġustifikat mill-Istat kif jirrikjedu l-istandards tal-UE u dawk internazzjonali.

10. **Jistabbilixxu jew jiffaċilitaw** il-ħolqien ta' istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem skont il-Prinċipji ta' Pariġi tan-Nazzjonijiet Uniti u jadottaw qafas leġislattiv li jippermettilhom iwettqu r-rwol tagħhom b'mod indipendenti u jipprovduhom il-mandat adegwat u r-riżorsi xierqa biex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv.
11. **Jinnominaw**, fejn dan għadu ma sarx, punt fokali dwar il-Karta jew jinkarigaw punt fokali eżistenti bil-promozzjoni u l-koordinazzjoni tat-tiżni tal-kapaċitajiet, l-iskambju ta' informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar il-Karta.
12. **Iżidu** l-isforzi biex jiproteġu, jappoġġaw u jsaħħu lill-OSĊ u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, billi jiprovduhom firxa ta' opportunitajiet biex jikkooperaw.
13. **Jiproteġu** l-ispazju ċiviku billi jiżguraw li ma tiġi adottata ebda restrizzjoni mhux meħtieġa jew arbitrarja, pereżempju rekwiżiti ta' reġistrazzjoni u reġimi tat-taxxa li jolqtu speċifikament l-ispazju ċiviku b'mod sfavorevoli.
14. **Jiproteġu** lill-OSĊ u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem minn, fost oħrajn, theddid, attackki, persekuzzjoni ta' ilħna kritiċi u kampanji ta' malafama kontra organizzazzjonijiet, persunal u voluntiera b'mezzi attivi, pereżempju billi jwettqu azzjonijiet immirati maħsuba biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet, billi jistabbilixxu mekkaniżmi ta' monitoraġġ għall-prevenzjoni ta' theddid bħal dan, billi jiżguraw l-identifikazzjoni, ir-rappurtar, l-investigazzjoni u s-segwitu fil-pront ta' inċidenti bħal dawn, u billi jistabbilixxu servizzi ta' appoġġ dedikati għall-atturi tas-soċjetà ċivili.
15. **Jiproteġu** l-possibbiltà li l-OSĊ u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ikunu sikuri u jaġixxu b'mod indipendenti anke fl-ispazju diġitali, fost oħrajn billi jsibu mezzi kif it-teknoloġija tkun faċilitatur tal-involvement u l-azzjoni demokratika u mhux tintuża biex tirrestrinġi l-ispazju tal-atturi tas-soċjetà ċivili u l-attivitajiet tagħhom.

16. **Jappoġġaw** lill-OSĊ billi jindirizzaw l-isfidi marbuta mad-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà tal-finanzjament, fost oħrajn, billi jiżguraw distribuzzjoni ġusta permezz ta' kriterji trasparenti u nondiskriminatorji, billi jippubblikaw u jxerrdu b'mod ġenerali sejħiet għal proposti sabiex dawn ikunu aċċessibbli fil-wisa' kif ukoll billi jissimplifikaw l-aċċess għal finanzjament flessibbli għal OSĊ ta' kull daqs, inkluż permezz tad-diġitalizzazzjoni u modi innovattivi ġodda ta' distribuzzjoni. Fl-istess ħin għandu jiġi rikonoxxut li l-finanzjament tal-OSĊ m'għandux jiddependi biss mill-fondi pubbliċi, sabiex titħares l-indipendenza tagħhom.
17. **Isaħħu** lill-atturi tas-soċjetà ċivili billi jiżguraw il-parteeċipazzjoni sinifikanti ta' firxa wiesgħa ta' OSĊ meta jabbozzaw u jimplimentaw leġiżlazzjoni u inizjattivi oħra fil-politiki kollha rilevanti, li jistgħu jaqgħu taħt il-mandat speċifiku tagħhom, inkluż meta jfasslu opportunitajiet ta' finanzjament.
18. **Isaħħu** l-OSĊ billi jiżguraw li jkollhom l-opportunità jivvalutaw u jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar kif il-miżuri legali u politiċi proposti jistgħu jaffettwaw lilhom, lill-membri tagħhom, lill-kostitwenzi tagħhom, jew lid-drittijiet fundamentali b'mod aktar ġenerali.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

19. **Jilqa'** l-**ħidma** tal-Kummissjoni b'rabta mar-rwol tal-ispazju ċiviku fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari jieħu nota ta':

- Ir-rapport dwar il-Karta 2022.
- L-impniji fl-Istrateġija biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE (Strateġija dwar il-Karta) b'appoġġ għal ambjent abilitanti għall-atturi tas-soċjetà ċivili u biex tittieħed azzjoni kontra miżuri li jiksru d-dritt tal-Unjoni inkluż il-Karta meta dawn jaffettwaw l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.
- Ir-Rapporti annwali dwar l-Istat tad-Dritt.
- Il-proposti leġiżlattivi dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza.⁵

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jistieden lill-Kummissjoni biex:

20. **Tipproteġi** l-OSĊ u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem bi sforzi kontinwi biex jitrawmu u jiġu protetti d-demokrazija, l-istat tad-dritt, u d-drittijiet fundamentali fil-politiki kollha rilevanti, inkluż billi tiġi żgurata l-koerenza bejn l-approċċ estern u dak intern tal-Unjoni għall-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.

⁵ Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika tagħhom, it-trattament ugwali fil-qasam tal-impjieg u x-xogħol bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom, it-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali u fl-aċċess għal prodotti u servizzi u l-provvista tagħhom, u li tħassar l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2000/43/KE u l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2004/113/KE (15899/22) u Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament ugwali u l-opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol, u li tħassar l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2006/54/KE u l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2010/41/UE (15902/22).

21. **Tappoġġa** l-OSĊ u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem billi tkompli tipprovdi, fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali, finanzjament adegwat u aċċessibbli permezz ta' programmi ta' finanzjament rilevanti, bħall-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri. Kull finanzjament bħal dan irid jintuża f'konformità mal-valuri komuni tal-Unjoni minnuxa fl-Artikolu 2 TUE u fil-Karta.
22. **Tappoġġa** l-OSĊ u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ta' kull daqs, livell u kapaċità biex ikollhom il-possibbiltà li jibbenefikaw mill-fondi tal-UE, fost oħrajn billi tissimplifika s-sejthiet miftuħa, iżżid l-appoġġ għal applikanti potenzjali u billi tissokta b'approċċi innovattivi bħalma huma l-appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi (OSĊ) minn intermedjarji kif ukoll finanzjament ċentrali għall-organizzazzjonijiet.
23. **Issaħħaħ** l-OSĊ u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem billi żżomm dialogu miftuħ, regolari, trasparenti u inklużiv, u billi tkompli bl-isforzi biex jinħolqu mekkaniżmi u linji gwida adegwati biex l-OSĊ u d-difensuri tad-drittijiet **tal-bniedem** ikunu jistgħu jikkontribwixxu fl-istadji rilevanti tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluż finizjattivi li jkollhom impatt fuqhom jew fuq id-drittijiet fundamentali.
24. **Issaħħaħ** l-OSĊ u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem bl-integrazzjoni tal-possibbiltajiet li dawn ikunu involuti b'mod sinifikanti fl-oqsma politiċi u leġislattivi kollha.
25. **Issaħħaħ** l-OSĊ u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem billi tipproċedi bl-impenn fir-Rapport dwar il-Karta 2022 biex jinfetaħ dialogu mmirat mal-partijiet ikkonċernati permezz ta' sensiela ta' seminars tematiċi dwar il-ħarsien tal-ispazju ċiviku, b'enfasi fuq kif l-Unjoni Ewropea tista' tkompli tiżviluppa r-rwol tagħha li tippoteġi, tappoġġa u ssaħħaħ l-OSĊ u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem biex jindirizzaw l-isfidi u l-opportunitajiet identifikati fir-Rapport dwar il-Karta 2022.